

# L-Għaxar Bażiliki fil-Gżejjer Maltin

**Ing. Ansel Briffa**

L-aktar Bażilika antika fl-istorja tal-knisja fil-gżejjer Maltin toħodna lura ftit aktar minn mitejn sena, meta fl-1816 il-Parroċċa Matriċi tal-Porto Salvo u San Duminku ġewwa l-Belt Valletta ġiet mgħollija bit-titlu ta' Bażilika. L-aktar waħda riċenti hija dik tal-Mosta wara nuqqas ta' wieħed u ħamsin sena mindu kien ingħata l-aħħar dan it-titlu. Iżda li knisja tingħata t-titlu ta' Bażilika xi tfisser? Bażilika x'inhi?

Il-kelma propja ġejja mill-kelma bil-Latin 'Basilica'. Ir-Rumani kienu ħejjew bini apposta fejn kienu jsiru laqgħat importanti u funzjonijiet oħra. Dan il-bini kienu tawh it-titlu ta' Bażilika. Bħala stil ta' bini kien influwenzat ħafna minn dak Grieg, dan għaliex qabel ir-Rumani, il-Griegi wkoll kellhom bini msejjaħ 'Stoa Basileios'. Dan il-Basileios kien fil-fatt it-tribunal fejn kien ipoġġi r-re. Fi żmien l-imperu Ruman ir-Rumani waqqfu numru ta' bażiliċi biex fihom ipoġġi l-maġistrat jew



uffiċjali importanti oħra.

Fil-'Forum' ta' Ruma nsibu l-bażiliki ta' Porcia, Sempronia u Fulvia fost l-oħrajn. Wara l-mewt ta' Ġulju Ċesari fis-sena 44 qabel Kristu kienet inbniet bażilika ddedikata għalih. L-istess ġara ftit tas-snin wara mal-imperatur Awgustu fejn bini ieħor bit-titlu ta' Bażilika ġie ddedikat għall-istess imperatur. Fir-raba' seklu wara Kristu, sewwasew fis-sena 313, l-imperatur Kostantinu ħareġ l-'Edictum Mediolanense' fejn permezz tiegħu l-Kristjaneżmu seta' jiġi pprattikat fil-beraħ. Fis-sena 380, l-imperatur Theodosius



*It-Tintinnabulum u l-Umbrellun fil-purċissjoni ta' Marija Mtellgħa s-Sema ġewwa l-Mosta, żewġ simboli relatati mal-Bażilika. Fl-isfond tidher ir-Rotunda mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika. (Ħajr: Mark Micallef Perconte)*

għamel il-Kristjaneżmu bħala r-reliġjon uffiċjali tal-imperu. B'hekk ħafna ideat u tradizzjonijiet Rumani nżammu ħajjin anke fil-Knisja Kattolika. Fost dawn it-tradizzjonijiet insibu l-użu tal-bażilika, fejn il-Knisja bdiet tagħti l-ġieħ ta' Bażilika lil dawk il-knejjes li jkunu ċentru ta' attività u liturġija pastorali. L-artal maġġuri ħa post it-tron tar-re f'dawn il-bażiliki.

L-erba' Bażiliki maġġuri (jew Papali) jinsabu kollha f'Ruma. Fil-fatt kollha huma attrazzjoni maġġuri għal kwalunkwe turist li jżur il-Belt Eterna. Dawn il-Bażiliki f'Ruma huma: San Pietru (il-Vatikan), San Ġwann Lateran, San Pawl barra l-ħitan u Santa Maria Maggiore. Il-Bażiliki l-oħra kollha huma minuri u huma affiljati ma' waħda minn dawn il-Bażiliki maġġuri. Il-Bażilika, minħabba r-rabta speċjali mal-Papa, tiċċelebra b'ġieħ speċjali dawk il-festi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Papa. Dawn jinkludu magħhom il-festi tas-Sedja ta' Pietru (22 ta' Frar), is-solennità ta' San Pietru u San Pawl (29 ta' Ġunju), u l-elezzjoni u l-inawgurazzjoni ta' Papa ġdid.

Hemm ukoll diversi simboli li jintużaw sabiex jirrappreżentaw il-Bażilika. Fost dawn insibu l-Kanupew jew l-Umbrellun, li huwa ddisinjat bl-aħmar u bl-isfar, li huma l-kuluri uffiċjali tal-Papa. Ma' dawn insibu wkoll it-Tintinnabulum (jew qanpiena żgħira) li tissinifika r-rabta tal-knisja mal-Papa, ukoll bis-simbolu tat-tre renju. Dawn is-simboli nsibuhom ukoll fl-għaxar bażiliki fil-gżejjer Maltin.

B'kollox insibu ħames bażiliki

ġewwa Malta u ħamsa oħra ġewwa Għawdex. Wara dik ta' San Duminku tal-Belt, segwiet is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, ukoll ġewwa l-Belt Valletta fl-1895. Is-seklu għoxrin kien dak li ra l-ikbar żieda f'dan it-titlu fil-gżejjer Maltin, fejn seba' knejjes ġew elevati għal titlu ta' bażilika. Dawn huma l-Isla (Twelid tal-Verġni Marija) fl-1920, l-Għarb (Santwarju ta' Pinu) fl-1932, Birkirkara (Kolleġġjata Sant'Elena) fl-1950 u San Ġorġ ġewwa r-Rabat Għawdex fis-sena 1958. Fl-1967 rajna żieda ta' tliet knejjes ġewwa l-gżira Għawdxija li ġew elevati b'dan it-titlu. Dawn huma San Pietru u San Pawl fin-Nadur, Marija Bambina ġewwa x-Xagħra u l-Kolleġġjata tal-Viżitazzjoni fl-Għarb.

Jalla dawn il-knejjes ma jibqgħux biss postijiet ta' valur storiku, iżda wkoll ċentru ħaj ta' attività pastorali u liturġika. L-importanza trid tingħata mhux biss lill-artal, lill-ambone, lis-sedja, lill-umbrellun u lit-tintinnabulu, iżda lir-Re veru tagħna lkoll, Sidna Ġesù Kristu. Jalla l-ħidma pastorali ma tiqafx biss sal-bibien tal-bażiliki tagħna iżda tinfirex ukoll mal-komunità parrokkjali kollha, speċjalment dawk l-aktar fil-bżonn.



*L-Arċisqof Charles J. Scicluna nhar id-29 ta' Lulju 2018 (ċelebrazzjoni tal-ħruġ min-niċċa tal-vara) juri d-Digriet lill-miġemgħa fis-Santwarju Bażilika tal-Mosta maħruġ mill-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti fil-31 ta' Mejju 2018. (Ħajr: Mark Micallef Perconte)*


